## EWROPA KREATTIVA (2014-2020)

## Sottoprogramm Kultura

**Sejħa għal proposti**

**Sejħa għal Proposti EACEA 34/2018: Appoġġ għal proġetti ta' kooperazzjoni Ewropea 2019**

**TWISSIJA:**

Din is-sejħa għal proposti hija soġġetta għad-disponibbiltà tal-fondi wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2019 mill-awtorità baġitarja.

### 1. Introduzzjoni

Din is-sejħa hija bbażata fuq ir-Regolament Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)[1] u r-rettifika tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2014[2] u t-18 ta' April 2018[3], (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament'.

L-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm Ewropa Kreattiva u l-prijoritajiet tas-Sottoprogramm Kultura huma elenkati fl-Artikoli 3, 4, 12 u 13 tar-Regolament.

### 2. Objettivi u prijoritajiet

L-objettivi ewlenin tal-appoġġ għal proġetti ta' kooperazzjoni Ewropea huma:

- It-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej biex joperaw b'mod transnazzjonali u internazzjonali u l-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali ta' xogħlijiet kulturali u kreattivi u l-mobilità transnazzjonali ta' atturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari l-artisti;

- Il-kontribut għall-iżvilupp tal-udjenza permezz tal-użu ta' modi ġodda u innovattivi mal-udjenzi u t-titjib tal-aċċess għal xogħlijiet kulturali u kreattivi fl-Unjoni u lil hinn minnha b'attenzjoni partikolari fuq it-tfal, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabilitajiet u l-gruppi sottorappreżentati;

- Il-kontribut għall-innovazzjoni u għall-kreattività fil-qasam tal-kultura, pereżempju permezz tal-ittestjar ta' mudelli kummerċjali ġodda u l-promozzjoni ta' effetti kollaterali innovattivi fuq setturi oħra.

---

[1] Ir-Regolament Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-20/12/2013 (ĠU L 347, p. 221).

[2] Ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-27/06/2014 (ĠU L 189/260).

[3] Ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-23/04/2018 (ĠU L 103).

Sabiex jinkisbu dawn l-objettivi, l-azzjoni tiffoka fuq il-prijoritajiet li ġejjin:

- Il-promozzjoni tal-mobilità transnazzjonali ta' artisti u ta' professjonisti bil-għan li dawn ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod internazzjonali u sabiex il-karrieri tagħhom ikunu jistgħu jitpoġġew fuq bażi internazzjonali;

- It-tisħiħ tal-iżvilupp tal-udjenza bħala mezz biex jitjieb l-aċċess għal xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej u għal wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli u jiġi estiż l-aċċess għal xogħlijiet kulturali għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-persuni b'diżabilità u għall-gruppi sottorappreżentati;

- It-trawwim tal-bini tal-kapaċità permezz ta' approċċi innovattivi għall-ħolqien, għall-iżvilupp u għall-ittestjar ta' mudelli ġodda u innovattivi ta' dħul, ta' ġestjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni għas-setturi kulturali, b'mod partikolari fir-rigward tal-bidla diġitali, u l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda għal professjonisti kulturali;

- It-titjib tad-djalogu interkulturali, il-promozzjoni ta' valuri komuni tal-UE kif ukoll fehim reċiproku u rispett għal kulturi oħra, li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni soċjali tal-migranti u tar-refuġjati;

- Bħala legat tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali, is-sensibilizzazzjoni dwar l-istorja u l-valuri komuni, u t-tisħiħ ta' sens ta' appartenenza għal spazju Ewropew komuni.

## 3. Il-kriterji ta' eliġibbiltà

### 3.1. Parteċipanti u pajjiżi eliġibbli

L-applikanti eliġibbli (il-mexxej tal-proġett/koordinatur u s-sħab) għandhom ikunu operaturi kulturali Ewropej attivi fis-setturi kulturali u kreattivi, kif definit fl-artikolu 2 tar-Regolament Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva[4], u jkunu stabbiliti legalment f'wieħed mill-pajjiżi li qed jipparteċipaw fis-Sottoprogramm Kultura.

Applikazzjonijiet mingħand entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'waħda mill-kategoriji ta' pajjiżi li ġejjin huma eliġibbli sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva u sakemm il-Kummissjoni tkun daħlet f'negozjati mal-pajjiż:

- It-28 Stat Membru tal-UE u l-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li huma eliġibbli li jipparteċipaw fil-Programm skont l-Artikolu 58 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE[5];

- Il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-Ftehimiet Qafas rispettivi, fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew ftehimiet simili;

- Il-pajjiżi tal-EFTA li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE;

- Il-Konfederazzjoni Żvizzera, fuq il-bażi ta' ftehim bilaterali li għandu jiġi konkluż ma' dak il-pajjiż;

- Il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-proċeduri ddefiniti ma' dawk il-pajjiżi b'segwitu tal-ftehimiet qafas li jipprevedu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-UE.

---

[4] Il-bażi ġuridika tista' tinstab hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013R1295&from=mt

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-baħar") (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1).

Lista aġġornata tal-pajjiżi eliġibbli biex jipparteċipaw fl-Ewropa Kreattiva (dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1295/2013) u l-pajjiżi li jistgħu jsiru eliġibbli fil-futur qarib (dawk li l-Kummissjoni tkun bdiet negozjati magħhom) tista' tinsab fuq:
https://eacea.ec.europa.eu/creative-europe/library/eligibility-organisations-non-eu-countries_en

Fid-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet il-mexxej tal-proġett għandu jkun ilu tal-anqas sentejn b'personalità ġuridika u jkun kapaċi juri l-eżistenza tiegħu bħala persuna ġuridika.

Persuni fiżiċi ma jistgħux japplikaw għal għotja.

L-applikanti ma għandhomx ikunu f'sitwazzjoni li teskludihom mill-parteċipazzjoni u/jew mill-għoti kif definit mir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu.

**3.2 Proġetti eliġibbli**

Is-Sottoprogramm Kultura mhux se jappoġġja proġetti li jinkludu materjal pornografiku jew razzist jew li jippromwovu l-vjolenza.

Skont l-iskala, il-ħtiġijiet, in-natura, l-objettivi u l-prijoritajiet tal-proġett, l-applikanti għandhom jagħżlu li japplikaw jew taħt il-Kategorija 1 - Proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala iżgħar JEW taħt il-Kategorija 2 - Proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala akbar.
Għaldaqstant, il-mexxej tal-proġett ma jistax jissottometti żewġ applikazzjonijiet taħt din is-sejħa għal proposti.

Fi kwalunkwe każ, proġett jista' jiġi sottomess taħt kategorija waħda biss.

Barra minn hekk, proġetti eliġibbli għandhom:

- għaż-żewġ kategoriji, ikollhom durata massima ta' 48 xahar (perjodu ta' eliġibbiltà);

- għal proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala iżgħar (Kategorija 1), l-għotja tal-UE mitluba ma għandhiex tkun aktar minn EUR 200 000 li tirrappreżenta massimu ta' 60 % tal-ispejjeż totali eliġibbli; barra minn hekk, il-proġetti taħt il-Kategorija 1 għandhom jinvolvu mexxej tal-proġett eliġibbli u tal-anqas żewġ sħab eliġibbli oħra li s-sede legali tagħhom ikunu f'tal-anqas tliet pajjiżi differenti parteċipanti fis-Sottoprogramm Kultura – tal-Programm Ewropa Kreattiva. Jew il-mexxej tal-proġett jew wieħed mis-sħab għandu jkollu s-sede legali tiegħu f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli msemmija fih;

- għal proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala akbar (Kategorija 2), l-għotja tal-UE mitluba ma għandhiex tkun aktar minn EUR 2.000.000 li tirrappreżenta massimu ta' 50 % tal-ispejjeż totali eliġibbli; barra minn hekk, il-proġetti taħt il-Kategorija 2 għandhom jinvolvu mexxej tal-proġett eliġibbli u tal-anqas ħames sħab eliġibbli oħra li s-sede legali tagħhom ikunu f'tal-anqas sitt pajjiżi differenti parteċipanti fis-Sottoprogramm Kultura – tal-Programm Ewropa Kreattiva. Jew il-mexxej tal-proġett jew wieħed mis-sħab għandu jkollu s-sede legali tiegħu f'wieħed mill-pajjiżi eliġibbli msemmija fih.

Organizzazzjoni tista' tkun il-mexxej tal-proġett ta' **proġett appoġġat WIEĦED biss tal-kategorija 2 li jkun għadu għaddej**. Dan ifisser li, f'każ ta' għażla, mexxej tal-proġett ta' proġett tal-kategorija 2 li jkun għaddej għandu jiżgura li ma jkunx hemm sovrapożizzjoni tal-perjodu ta' eliġibbiltà bejn il-proġett appoġġat li għadu għaddej u l-proġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni.

**3.3 Attivitajiet eliġibbli**

L-attivitajiet għaż-żewġ kategoriji ta' proġetti jistgħu jibdew mhux aktar tard minn bejn l-1 ta' Settembru u l-15 ta' Diċembru tas-sena 2019. Fi kwalunkwe każ, l-attivitajiet ma jistgħux jibdew qabel ma ż-żewġ partijiet jiffirmaw il-ftehim ta' għotja.

It-tul ta' żmien massimu possibbli ta' proġett huwa 48 xahar għaż-żewġ kategoriji ta' proġetti.

## 4. Kriterji tal-Għoti

L-applikanti eliġibbli se jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. Rilevanza (30):

Dan il-kriterju jivvaluta l-mod kif il-proġett jimplimenta l-prijorità/prijoritajiet tal-politika magħżula abbażi ta' strateġija sostanzjata.

2. Kwalità tal-kontenut u tal-attivitajiet (30)

Dan il-kriterju jivvaluta kif il-proġett se jiġi implimentat fil-prattika (il-kwalità tal-attivitajiet u r-riżultati tanġibbli, il-metodoloġija) u kemm l-attivitajiet huma relatati tajjeb mal-għanijiet tal-proġett.

3. Komunikazzjoni u disseminazzjoni (20)

Dan il-kriterju jivvaluta l-approċċ tal-proġett għall-komunikazzjoni tal-attivitajiet u tar-riżultati tiegħu u għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenzi fis-settur u bejn il-fruntieri. L-għan huwa li jiġi massimizzat l-impatt tar-riżultati tal-proġett fuq livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej, u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-impatt lil hinn mill-ħajja tal-proġett.

4. Il-kwalità tas-sħubija (20)

Dan il-kriterju jivvaluta sa liema punt l-istruttura u l-ġestjoni tal-proġett se jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-proġett.

Fi kwalunkwe każ u għaż-żewġ kategoriji tal-proġetti (proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala iżgħar/akbar), li se jiġu kkunsidrati għal finanzjament, il-proposti għandu jkollhom limitu minimu ta' kwalità ta' 75/100 punt.

## 5. Baġit

Il-baġit totali għal din is-sejħa għal proposti huwa stmat li jlaħħaq l-EUR 44.659.800.

Bil-għan li tiġi stabbilita rappreżentazzjoni xierqa ta' proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala iżgħar (Kategorija 1), huwa previst pakkett indikattiv ta' EUR 17.8 miljun għal dan il-għan (±40% tal-baġit globali tal-azzjoni).

Meta wieħed iqis il-politiki u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea, madwar 25 % tal-ammont allokat għal proġetti ta' kooperazzjoni fuq skala iżgħar għandhom jintefqu fuq proġetti kwalitattivi li jiffukaw fuq l-integrazzjoni soċjali tal-migranti u r-refuġjati.

L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

## 6. Data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi u jaslu għand l-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) permezz tas-sistema u l-formola ta' applikazzjoni online (Formola elettronika) mhux aktar tard mill-**11/12/2018 f'nofsinhar CET/CEST** (nofsinhar ħin ta' Brussell).

Mhu se jiġi aċċettat l-ebda metodu ieħor ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni.

L-applikanti għandhom jiżguraw li d-dokumenti kollha mitluba u msemmija fil-Formoli elettroniċi jiġu pprovduti.

## 7. Dettalji sħaħ

It-test sħiħ tal-linji gwida flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni, jistgħu jinsabu fl-indirizz tal-Internet li ġej:

https://eacea.ec.europa.eu/creative-europe/funding/support-european-cooperation-projects-2019_en

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mat-termini kollha tal-linji gwida u għandhom jiġu sottomessi fuq il-formoli pprovduti.

Għal kwalunkwe informazzjoni oħra jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Uffiċċju ta' Ewropa Kreattiva tiegħek: https://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/contact_en

Kuntatt fl-Aġenzija:
EACEA-CREATIVE-EUROPE-COOPERATIONPROJECTS@ec.europa.eu